MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 994/1986/1

**Evelyn armla Busuttil**

**Vs**

**Frances Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Evelyn Busuttil fis-27 ta' Awwissu 1986 permezz ta' liema titlob li Frances Borg tigi kkundannata tizgombra, fi zmien qasir u perentorju, mill-ghalqa "Ta' Ciantar" limiti ta' Haz-Zabbar, mikrija ghand l-istess Evelyn Busuttil, billi qed tokkupaha minghajr titolu; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-2 ta' Mejju 1986. Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju ta' l-ghalqa in kontestazzjoni hu inqas minn Lm30 (illum ekwivalenti ghal €69.88) fis-sena;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Frances Borg ipprezentata fit-8 ta' Ottubru 1986 permezz ta' liema teccepixxi illi: (a) preliminarjament l-attrici trid tipprova t-

titolu taghha; u li (b) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, hi ghandha titolu validu skond il-Ligi;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata minn Frances Borg fis-26 ta' Jannar 1995 permezz ta' liema teccepixxi l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti stante li *skond sentenzi recenti l-mertu jesorbita mill-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti*;

Rat illi b'sentenza pronuncjata fit-22 ta' Novembru 2010, din il-Qorti ddikjarat li ghandha l-kompetenza necessarja sabiex tiehu konjizzjoni ta' u tiddeciedi l-mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk cahdet l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *rationae materiae* u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda ta' l-attrici moghtija waqt is-seduti tal-15 ta' Lulju 1987[1], tal-5 ta' Mejju 1988[2] u ta' l-20 ta' Ottubru 1988[3], u rat id-dokumenti markati minn "A" sa' "D" esebiti mill-attrici a fol. 14 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Austin Bencini[4] u ta' Anthony Borg[5], Agricultural Officer mad-Dipartiment ta' l-Agrikolutra, moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 1988 u rat id-dokument, ossia pjanta, markat Dok. "AX" esebit minn Anthony Borg a fol. 30 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Carmelo Busuttil moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 1989[6], ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Busuttil moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 1989[7] u x-xhieda ta' Emanuel Busuttil moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 1991[8], rat l-affidavit tal-konvenuta pprezentat fid-29 ta' April 2011[9] u semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenuta in kontro-ezami waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2011[10];

---

1 Fol. 11 sa' 13 tal-process.
2 Fol. 33 sa' 36 tal-process.
3 Fol. 39 sa' 41 tal-process.
4 Fol. 26 sa' 27 tal-process.
5 Fol. 28 sa' 29 tal-process.
6 Fol. 44 sa' 48 tal-process.
7 Fol. 55 sa' 57 tal-process.
8 Fol. 80 sa' 82 tal-process.
9 Fol. 238 sa' 240 tal-process.
10 Fol. 243 tal-process.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC David Pace u l-pjanta minnu imhejjija ta' l-ghalqa mertu tal-kontestazzjoni[11];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti dwar il-mertu tal-proceduri;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata tizgombra, fi zmien qasir u perentorju lilha prefiss mill-Qorti, mill-ghalqa "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar, liema ghalqa hija mikrija lill-istess attrici, stante li qed tokkupaha minghajr titolu. Il-konvenuta tirrespingi t-talba attrici permezz ta' tlett eccezzjonijiet: (i) l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae*; (ii) l-eccezzjoni li l-attrici ghandha tipprova t-titolu taghha fuq l-ghalqa in kontestazzjoni; u (iii) l-eccezzjoni li fi kwalunkwe kaz hija ghandha titolu validu skond il-Ligi fuq l-ghalqa minnha okkupata.

L-eccezzjoni dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* giet michuda bis-sentenza pronuncjata fit-22 ta' Novembru 2010 u ghalhekk illum jehtieg jigu trattati u decizi z-zewg eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuta, ossia (i) l-eccezzjoni rigwardanti l-prova tat-titolu ta' l-attrici fuq ir-raba' "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar; u (ii) l-eccezzjoni fejn il-konvenuta tikkontendi li ghandha titolu validu fil-Ligi fuq l-ghalqa minnha okkupata.

Fil-kuntest ta' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta dwar it-titolu vantat mill-attrici fuq ir-raba' "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar, jigi immedjatament ipprecizat li l-attrici ma hijiex qed tivvanta titolu ta' proprjetà fuq l-imsemmija raba' izda tikkontendi li ghandha titolu ta' qbiela koncess lilha mill-proprjetarji ta' l-art, il-familja Strickland. Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 1987[12], l-attrici iddikjarat li *l-ghalqa "Ta' Ciantar" hija mikrija u mnizzla fuq ismi. … l-*

[11] Fol. 164 sa' 170 tal-process.
[12] Fol. 11 sa' 13 tal-process.

*għelieqi kienu ta' missier ir-raġel tiegħi, li peress li xjaħ, kien dawwar l-għelieqi fuq żewġi, Michael Busuttil. Żewġi Michael Busuttil ġie nieqes xi ħames (5) snin ilu. Żewġi kien miet fin-1982, fil-fatt fit-23 ta' Mejju għalaq ħames (5) snin. Għandi ngħid li jien in segwitu dawwart il-qbiela tal-għelieqi għal fuqi. Fil-fatt dawn kont dawwarthom sena wara.* In sostenn ta' dak minnha affermat l-attriċi ipprezentat l-irċevuti tal-ħlas tal-qbiela għar-raba' "Ta' Ciantar" bejn l-1970 u l-1986[13], liema rċevuti kienu inizjalment jinħarġu fuq Giovanni Busuttil, in segwitu fuq Michael Busuttil u in fine fuq l-attriċi stess, u esebiet ukoll il-Biljett tar-Reġistrazzjoni tal-Biedja minn liema jirriżulta li b'effett mis-16 ta' Settembru 1983 ir-raba' imsemmija hija reġistrata f'isimha[14].

Dak affermat mill-attriċi dwar it-titolu ta' qbiela tagħha fuq ir-raba' "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar jinsab ikkonfermat minn żewġ amministraturi tal-beni tal-familja Strickland, il-P.L. Joseph Busuttil li dam amministratur sa' l-1982, u l-Avukat Dottor Austin Bencini li sa' dakinhar li tela' jixhed quddiem il-Qorti kien ilu madwar erba' jew ħames snin amministratur tal-beni ta' Mable Strickland.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 1989[15] il-P.L. Joseph Busuttil iddikjara li *jiena kont għamilt xi għaxar snin amministratur tal-beni tal-familja Strickland u cioè ta' Miss Mable Strickland u domt bħala amminsitratur sa' l-1982. F'din l-amministrazzjoni kien hemm ukoll raba' magħrufa bħala Tal-Iskarpell jew Ta' Ciantar. L-art kienet imqabbla lill-familja Busuttil. Proprjament niftakar li l-missier kien jiġi jħallas il-kera, Giovanni Busuttil. Mistoqsi jekk nafx lill-konvenuta di vista ngħid li mingħalija ġieli ġiet tħallas il-kera. Hi kienet ġiet tħallas il-qbiela f'isem il-papà tagħha. Mistoqsi jekk kienx hemm xi żmien meta fil-fatt ir-raba' ġie trasferit fuq xi ħaddieħor, nirrispondi li l-missier kien ġie jitlobni biex nagħmel trasferiment tar-raba' fuq wieħed mit-tfal tiegħu u jien għall-ewwel kont sibt xi diffikultajiet però in segwitu kont għidtlu iva w in segwitu wara illi jien ivverifikajt l-affarijiet sewwa kont ħallejtu jagħmel it-*

---

[13] Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 14 tal-process.
[14] Dok. "C" a fol. 14 tal-process.
[15] Fol. 55 sa' 57 tal-process.

*trasferiment fuq it-tifel li ghandi l-impressjoni li kien jismu Michael.* Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 1988[16] l-Avukat Dottor Austin Bencini ddikjara li *l-ghalqa ta' "Ciantar" limiti ta' Haz-Zabbar hija proprjetà ta' Miss Strickland. Dwar min ihallas il-qbiela taghha ghandi nghid illi ahna nirrikonoxxu l-eredi ta' Michael Busuttil li miet f'xi l-1983/1984. Proprjament l-inkwilin kien Giovanni Busutti u dan kien registrat sas-sena 1975, meta l-qbiela ghaddiet favur Michael Busuttil. Fl-1983 jew l-1984 l-qbiela daret fuq l-eredi ta' l-istess Michael Busuttil. … Ir-ricevuti dejjem hargu, però dejjem hargu fuq l-ismijiet li semmejt precedentement*.

Fid-dawl ta' tali provi l-Qorti hija tal-fehma li l-attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti li hija ghandha titolu, senjatament titolu ta' qbiela, fuq ir-raba' "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar. Jirrizulta b'mod sodisfacenti wkoll li t-titolu ta' l-attrici jkopri anke dik il-parti mill-imsemmija raba' okkupata mill-konvenuta u li tifforma l-mertu tal-kontestazzjoni odjerna.

Anthony Borg, Agricultural Officer mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura[17] esebixxa pjanta markata Dok. "AX" a fol. 30 tal-process fuq liema indika dik ir-raba' mill-art "Ta' Ciantar" li tinsab registrata f'isem l-attrici u li qabel kienet registrata l-ewwel f'isem Giovanni Busuttil u in segwitu f'isem Michael Busuttil. Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 1988 b'referenza ghall-art "Ta' Ciantar" huwa xehed illi *bhal' issa din ir-raba' tinsab registrata fuq Evelyn Busuttil. F' Settembru ta' l-1944 l-art in kwistjoni kienet registrata fuq John sive Ganni Busuttil, ta' 2, Latnija Road, Zabbar. Dan il-biljett kien 50-Zabbar. In segwitu dan dar fuq Michael Busuttil ta' "Michlyn House" New Street, Zabbar, u dan fl-14 ta' Awwissu 1975, u baqa' hekk registrat sas-16 ta' Settembru 1983, meta f'liema data dar fuq il-mara tieghu Evelyn Busuttil ta' "Miklyn" New Street, Zabbar. ... L-art in kwistjoni hija z-zewg partijiet li huma indikati bl-ahmar fuq din il-pjanta Dok. "AX". Jien dan hadtu mir-records li ghandna fl-ufficcju tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.*

---

16 Fol. 26 u 27 tal-process.
17 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 1988, fol. 28 sa' 29 tal-process.

Mix-xhieda li ta Carmelo Busuttil waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 1989[18] jirrizulta li l-ghalqa okkupata mill-konvenuta tinsab fil-konfini tar-raba' mill-art "Ta' Ciantar" imqabbla lill-attrici. In effetti huwa xehed illi *wara li missieri kien ghadda r-raba' lil hija, kif semmejt qabel, il-konvenuta, ohti, kienet tahdem il-parti li nghidulha ta' wara x-xaghra. Fil-fatt kien kollox f'idejn hija, però sakemm kienet u kif kienet tahdimha hi jiena ma nafx ezattament ghaliex u kif. Hija tefghet il-hamrija fiha u zgur li kienet tahdimha u tiehu hsiebha sa' llum il-gurnata, hi. Matul dan iz-zmien hi hadmet xi parti ohra hlief dik li ghadni kif semmejt. ... Qieghed nara l-pjanta li hemm a fol. 30 tal-process mmarkat dokument "AX" u nara l-parti mmarkata bl-ahdar u nikkonferma illi din hija l-ghalqa li ghaliha kont qed nirriferixxi li kienet mahduma mill-konvenuta u fuq liema art f'parti minnha kienet tefghet il-hamrija l-istess konvenuta.* Li din l-ghalqa indikata minn Carmelo Busuttil hija l-istess ghalqa mertu tal-proceduri odjerni u li minnha l-attrici qed titlob li l-konvenuta tigi zgumbrata, jirrizulta b'mod car mill-pjanta mhejjija mill-Perit Tekniku l-AIC David Pace markata Dok. "DP1" annessa mar-Relazzjoni tieghu a fol. 165 sa' 167 tal-process, u partikolarment mill-*location plan* fuq din l-istess pjanta.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta b'mod sodifacenti li fuq l-ghalqa "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar okkupata mill-konvenuta, l-attrici ghandha titolu ta' qbiela u b'hekk ghandha kull dritt titlob l-izgumbrament tal-konvenuta mill-ghalqa li skontha qed tigi minnha okkupata minghajr titolu[19]. Naturalment jehtieg issa jigi stabbilit jekk il-konvenuta ghandhiex titolu validu fil-Ligi fuq l-ghalqa meritu tal-kontestazzjoni kif minnha pretiz jew inkella le, kif invece affermat mill-attrici.

In sostenn ta' l-allegat titolu taghha fuq l-ghalqa minnha okkupata l-konvenuta, permezz ta' affidavit pprezentat fid-29 ta' April 2011[20], iddikjarat li *jiena nigi bint il-mejjet*

[18] Fol. 44 sa' 48 tal-process.
[19] Schembri v. Briffa, deciza ill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Dicembru 1971.
[20] Fol. 239 u 240 tal-process.

*Giovanni Busuttil, missier ukoll tar-ragel ta' l-attrici, hija Michael illum mejjet. Missieri kien il-kerrej tar-raba' "Ta' Ciantar", fil-limiti ta' Haz-Zabbar. Trabbejna u ghexna fir-razett illi jaghmel mar-raba' li semmejt, bl-indirizz 2, Latnija Road, Zabbar. Jiena bqajt nghix fir-razzett sa' llum. L-ghalqa li dwarha saret din il-kawza, u li ghandha kejl bejn wiehed u iehor ta' tomnejn, tifforma parti mar-raba' "Ta' Ciantar" illi kif ghedt kien jikri missieri. Hekk kif spiccajt mill-iskola jiena bdejt nahdem ir-raba' u nghin lill-missieri fix-xoghol tieghu tar-raba'; infatti kemm-il darba kont immur inhallas il-kera ta' l-art meta kien ghadu haj missieri. Nikkonferma li jiena kont nahdem l-ghalqa meritu tal-kawza b'mod regolari. Anke wara illi missieri li kien qabez is-sebghin sena dawwar il-kiri f'isem hija Michael, zewg l-attrici, haga illi saret minghajr ma jiena u huti l-ohrajn konna nafu, bqajt nahdem l-istess ghalqa; u mhux talli ma kellix opposizzjoni min-naha ta' hija, izda sahansitra gie li mort inhallas il-flus tal-kera, ukoll wara li miet missieri kif kont naghmel meta missieri kien ghadu haj u r-raba' kien f'ismu. Jiena komplejt nahdem din l-ghalqa sakemm hija Michael miet, kif ukoll wara u sallum. Hawnhekk irrid nispjega illi fejn l-attrici stqarret illi galkemm kien hemm xi zmien meta jiena kont nghin lil hija, jigifieri zewgha, jahdem l-ghalqa izda ma komplejtx naghmel dan sa' l-ahhar, hija ma qalitx is-sewwa. Nerga' nghid illi qatt ma waqaft milli nahdem l-ghalqa. L-ghalqa kont nizraghha bil-qamh u zrajt ukoll il-patata u l-ful. Ghandi nispjega, barra hekk, illi meta jiena kellimt lil hija wara li sirt naf illi l-kiri tar-raba' kien dar f'ismu hu kien qalli li ma kellu jkun hemm l-ebda kwistjoni illi jiena nkompli nahdem l-ghalqa li dwarha harrkitni l-attrici. Fil-fatt hekk komplejt naghmel, u dan kif ghedt minghajr opposizzjoni ta' xejn u anzi bil-koperazzjoni ta' hija Michael. Inzid nghid illi hija kellu kundizzjoni tal-qalb, u x-xoghol tar-raba' ma kienx tajjeb ghalih*.

Bis-sentenza preliminari pronuncjata minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru 2010 gie stabbilit li l-konvenuta ma ghandhiex titolu ta' qbiela – jew ahjar ta' subinkwilinat – fuq l-ghalqa meritu tal-kontestazzjoni u li lanqas tista' titqies bhala 'kerrej' ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk dak minnha affermat fl-affidavit

taghha, li gie pprezentat wara li giet pronuncjata l-imsemmija sentenza, necessarjament ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-konkluzzjonijiet raggunti f'dik is-sentenza.

Mill-affidavit tal-konvenuta jirrizulta li huha Michael *qua* inkwilin tar-raba' "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar, kien ippermettielha li hija tahdem u b'hekk tokkupa l-ghalqa mertu tal-kontestazzjoni tul l-inkwilinat tieghu izda, tali permess da parte tieghu ma holoq ebda titolu favur taghha stante li kjarament da kien att ta' mera tolleranza da parte ta' Michael Busuttil fil-konfront ta' ohtu. Dana johrog car mid-dikjarazzjoni tal-konvenuta illi *meta jiena kellimt lil hija wara li sirt naf illi l-kiri tar-raba' kien dar f'ismu hu kien qalli li ma kellu jkun hemm l-ebda kwistjoni illi jiena nkompli nahdem l-ghalqa li dwarha harrkitni l-attrici. Fil-fatt hekk komplejt naghmel, u dan kif ghedt minghajr opposizzjoni ta' xejn u anzi bil-koperazzjoni ta' hija Michael.*

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-attijiet ta' pura tolleranza u kortesija ma jistax, u ma ghandhomx, jirridondaw ghad-dannu ta' min ghamel il-koncessjoni. Jew li l-persuna li lilha saret tali koncessjoni, ghax hekk favorita mill-kortesija ta' haddiehor, tapprofitta ruhha u tippretendi li tista' tivvanta drittijiet proprji fuq il-haga moghtija in uzu b'dik l-istess tolleranza. Kif jinsab awtorevolment deciz "it-tolleranza ma tattribwixxi ebda dritt lill-parti wahda; u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti l-ohra ... u min igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, ghaliex in-natura taghha ma taqbelx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessità ta' l-adempiment. ... Jinsab precizat, imbaghad, kemm dottrinalment kif ukoll fil-gurisprudenza illi l-atti ta' mera tolleranza huma dawk li ghandhom insit fihom elementi ta' transitorjetà u saltwarjetà u jsibu origini mir-rapport ta' hbiberija, familjarità u l-buon vicinat. ... Konsegwentement dawn l-istess atti jincidu b'mod debboli hafna fuq id-drittijiet ta' haddiehor. Id-durata, anke twila, ta' dawn l-atti tista' biss tintegra fiha element prezuntiv in bazi ghal liema tista' tigi negata s-sussistenza tas-semplici tolleranza. Dan anke ghaliex hu difficli li wiehed jipotizza sitwazzjoni*

*ta' tolleranza li tiehu fit-tul. Dan partikolarment fejn si tratta l-aktar ta' hbiberija u mhux rapporti ta' parentela. Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci tal-kaz partikolari u ma jistax allura jigi ragonat a priori illi t-tul ta' zmien hu dejjem u bilfors indikazzjoni ta' assenza ta' tolleranza*[21].

Ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta ilha tul ta' zmien apprezabbli tahdem u tokkupa l-ghalqa mertu tal-kontestazzjoni, il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-okkupazzjoni da parte taghha ta' l-istess ghalqa kienet bbazata fuq mera tolleranza da parte ta' Michael Busuttil, illum mejjet, liema tolleranza ma torbotx lill-attrici *qua* inkwilin attwali tar-raba' "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar. Apparte l-fatt li kif già osservat il-konvenuta ma tgawdix titolu ta' qbiela, jew ahjar subinkwilinat, fuq l-istess ghalqa u ma tistax titqies bhala "kerrej" ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi osservat ukoll illi Michael Busuttil, *qua* inkwilin tar-raba', ma setghax jikkoncedi l-ghalqa mertu tal-kontestazzjoni favur il-konvenuta b'titolu ad ezempju ta' kommodat stante li huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *l-kirja hi dritt personali u ma jidherx li semplici detentur jista' jikkoncedi l-fond* [fil-kaz in ezami l-ghalqa] *lil terzi b'titolu ta' kommodat*[22]*.*

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak minnha pretiz, il-konvenuta ma ghandhiex titolu validu fil-Ligi fuq l-ghalqa "Ta' Ciantar" fil-limiti ta' Haz-Zabbar, minnha okkupata u konsegwentement ghalhekk it-talba ta' l-attrici ghall-izgumbrament tal-konvenuta mill-imsemmija ghalqa hija ghal kollox gustifikata u b'hekk tisthoqq li tigi milqugha.

Il-Qorti tippreciza li ghalkemm mill-provi prodotti jirrizulta li l-qbiela tar-raba' "Ta' Ciantar" favur l-attrici tinkludi wkoll ir-razzett li hemm fuq ir-raba' u li l-konvenuta, flimkien ma zewgha, fost ohrajn jghixu fl-imsemmi razzett, dan l-istess

[21] Mario Cuschieri et v. Angelo Cilia, Appell Civili 635/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)fit-12 ta' Jannar 2005.
[22] Carmen Mallia et noe v. Mario Spiteri, Appell Civili 733/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Novembru 2005.

razzett ma jirrizultax li jifforma parti mill-mertu tal-proceduri odjerni. Dana johrog car kemm mid-dikjarazzjoni ta' l-attrici li waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 1988[23] li *fil-kirja in kwistjoni hemm ukoll ir-razzett 2, Latnija Road, Zabbar. Omm ir-ragel li ghadha hajja ghadha tghix f'dan ir-razzett. Matul hatju, missier ir-ragel, li llum jinsab mejjet ukoll kien jghix f'dan ir-razzett. Fil-post in kwistjoni tghix il-konvenuta Frances Borg ghalkemm ghandha post iehor 47, Spadaro Street, Zabbar, kif ukoll jghixu wkoll fir-razzett in kwistjoni r-ragel ta' Frances Borg, ohtha xebba li jisimha Lucy Busuttil u ommha Giuseppa Busuttil. Missier ir-ragel tieghi Ganni kien ftehem mat-tifel Michael, ir-ragel tieghi, dwar it-trasferiment ta' l-art m'ghamlux dan biex ikecci lilu nnifsu mir-razzett, ovvjament, izda l-intenzjoni kienet principlament dwar ir-raba'*[24], kif ukoll mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC David Pace[25], li kellu l-inkarigu specifiku li jidentifika l-ghalqa li tifforma l-mertu tal-proceduri odjerni. Ghaldaqstant, l-ordni ta' zgumbrament li se jinghata fil-konfront tal-konvenuta fid-dawl tal-konkluzzjonijiet raggunti f'din is-sentenza japplika biss ghall-ghalqa minnha okkupata w identifikata fuq il-pjanta mhejjija mill-Perit Tekniku l-AIC David Pace markata Dok. “DP1” a fol.167 tal-process u bl-ahdar fuq il-pjanta Dok. “AX” a fol. 30 tal-process.

Ghal dawn ir-raguniiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attrici u tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien perentorju ta' xahar (1) mid-data ta' din is-sentenza tizgombra mill-ghalqa – identifikata mill-Perit l-AIC David Pace fuq il-pjanta minnu imhejjija u markata Dok. “DP1” a fol.167 tal-process u markata bl-ahdar fuq il-pjanta Dok. “AX” a fol. 30 tal-process – “Ta' Ciantar” fil-limiti ta' Haz-Zabbar, in kwantu okkupata minnha minghajr titolu.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenuta.

---

23 Fol. 33 sa' 36 tal-process.
24 Sottolinear tal-Qorti.
25 Fol. 165 sa' 167 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------